# AVVIŻI

• Ngħarrfu lill-qarrejja ta' 'Leħen il-Girgenti' li erġajna qed nistampaw il-Posters bid-dati u l-ħin tal-Laqgħat ta' Talb. Min jista' jqassam dawn il-posters fi ħwienet jew postijiet oħra, huwa mitlub joħodhom mill-post tal-laqgħat il-Girgenti. Mhux se jintbagħtu bil-posta bħal qabel.

Dawn il-posters għandhom jitqassmu u mhux jibqgħu id-dar ta' individwi privati.

• Infakkru lil min hu interessat, li l-ħames ktieb bl-Ingliż, fuq il-Madonna tal-Konsagrazzjoni jinsab għall-bejgħ. Tistgħu takkwistawh waqt il-laqgħat tal-Girgenti.

• Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru fl-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xhur:

Ottubru fl-4.30 p.m., Novembru fit-3.30 p.m.,

u Diċembru fit-3.00 p.m.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

*Jaqbad minn paġna 1*

Biex dan ikun possibli jeħtieġ li ma jkun hemm xejn li jtellifna il-ġabra waqt li nkunu qed nitolbu. L-istorbju tat-tfal, it-televixin, ix-xogħol ta' l-idejn, it-tisjir fil-kċina kif ukoll il-ħsibijiet barranin li jfixkluna, iridu jiġu mwarrbin.

Ir-Rużarju huwa talba; u għalhekk jixraq li ngħiduh bl-akbar rispett, inkella jitlef l-effett spiritwali li nixtiequ.

Ħafna huma l-familji li jgħidu r-Rużarju kuljum matul is-sena kollha. Din hija drawwa tajba li l-Madonna tħobb ħafna u hi tistenna li ngħiduh mhux biss għall-bżonnijiet tagħna stess iżda wkoll għal Malta u għad-dinja biex inpattu għad-dnubiet li qed jiġbdu s-saħta t'Alla fuqna.

F'dan ix-xahar imissna ngħidu aktar minn ħames posti rużarju kuljum. Ħafna, privatament, jgħidu żewġ rużarji u anki tlieta biex jagħtu ġieħ akbar lill-Madonna tar-Rużarju, b'mod speċjali fix-xahar ta' Ottubru.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 28 OTTUBRU 1996 JITQASSAM BLA ĦLAS

## OTTUBRU: IX-XAHAR TAR-RUŻARJU



**Il-Madonna tal-Girgenti**

Ir-Rużarju hu magħmul minn sensiela ta' "**Ave Marija**" flimkien mal-"**Missierna**" u l-"**Glorja**". Ir-ripetizzjoni ta' l-"**Ave Marija**", tħallina ħielsa biex nimmeditaw fuq il-misteri li nkunu qed nikkontemplaw. Nistgħu, ukoll, naħsbu fuq it-tifsir tal-kliem li nkunu qegħdin ngħidu waqt li nġibu quddiem għajnejna il-preżenza tal-Madonna qisna qegħdin narawha.

*Ikompli f'paġna 8*

# IL-GRAZZJI LI NAQILGĦU

Ħafna mill-grazzji li jinqalgħu huma aktarx privati u personali. Għalhekk wieħed jista' jifhem għaliex id-devoti li jaqilgħu dawn il-grazzji ma jixtiqux li isimhom jew il-grazzja maqlugħa, jiġu mxandra permezz tal-fuljett.

Xi uħud li jibagħtu xi flus bħala ringrazzjament lill-Madonna lanqas biss iniżżlu isimhom jew l-indirizz, b'mod li ma nkunux nistgħu nibagħtu nizzuhom ħajr għad-donazzjoni tagħhom.

Meta Alla jkun iffavoriekom b'xi grazzja speċjali permezz tal-Madonna, għandu jkollkom kuraġġ biżżejjed biex toħorġu fil-beraħ u bl-eżempju tagħkom issaħħu l-fidi u d-devozzjoni tal-Madonna fl-oħrajn. Dan huwa ħafna aktar ta' siwi milli tibagħtu xi flus.

Hawn min forsi ma jafx jikteb biżżejjed biex jagħmel rapport tal-grazzja li qala'. Allura inħeġġu lil dawn it-talin biex għallanqas jiktbu kelmtejn fil-qosor lill-Editur ta' dan il-fuljett, jagħtuh l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom biex ikun jista' jagħmel kuntatt magħhom u jekk hemm bżonn, imur jarahom id-dar tagħhom. Għalhekk iktbu lil:

Bro. Victor Privatera
Stella Maris College
Gżira GZR 04

# MHUX DEJJEM NAQILGĦU IL-GRAZZJI

Xi mindaqqiet tiltaqa' ma' nies li, għax ma qalgħux xi grazzja li talbu lill-Madonna, ma baqgħux imorru il-Girgenti għal-laqgħat ta' talb, qishom tilfu kull fiduċja fil-Madonna jekk mhux f'Alla wkoll. Dan juri nuqqas serju ta' fidi u mħabba t'Alla u ċerta suppervja ta' moħħhom.

Biex taqla' grazzja mingħand Alla trid, l-ewwel nett, tkun qed tgħix fl-imħabba t'Alla u tagħmel ħiltek biex taqdi dmirek u taħrab id-dnub. Fl-istess ħin irridu jkollna fidi sħiħa f'Ġesù u fil-Madonna. Ġesù qabel ma kien ifejjaq il-morda kien jara jekk kinux jemmnu fih bħala l-Messija u li kellu s-setgħa li jagħmel il-mirakli. Ġesù kien jitgħaxxaq jiltaqa' ma' nies ta' fidi soda bħal ma kien iċ-Ċenturjun Ruman, li lanqas kien Lhudi.

Aħna m'aħna xejn u m'għandna l-ebda dritt għall-grazzji. Dawn huma favuri li Alla jagħmlilna għall-ġid tagħna għax l-imħabba tiegħu għalina hija bla qies. Alla, bħala missierna, ma jistax jagħtina grazzji li jkunu ta' dannu,



fil-ħin li nitolbuhom jew aktar tard fil-futur li Hu biss jista' jara. Jista' jagħti każ li l-grazzja tkun ta' ġid veru fil-mument li nitolbuha imma Alla jara li 'l quddiem tkun tiswa ta' deni. Forsi ukoll, il-Mulej ikun irid jara sa fejn tasal il-fidi tagħna u fl-istess ħin jinqeda bil-mard u bit-tbatija tagħna anke morali, bħad-dwejjaq, kriżi u ntoppi fil-familja tagħna, għall-ġid spiritwali tagħna jew ta' l-oħrajn. Aħna ma nistgħux inkunu nafu x'ikun il-pjan divin għalina. Nieħdu l-każ ta' Lazzru tal-Vanġelu. Dan il-bniedem kien raġel ta' qdusija kbira li bil-karità tiegħu immerita il-konverżjoni ta' Marija ta' Magdala, oħtu u oħt Marta. Kien ħabib intimu ta' Ġesù li kien jilqa' għandu f'Betanja, flimkien mal-ħafna dixxipli tiegħu, irġiel u nisa, fosthom il-Madonna.

Lazzru marad u dam ibati għal ħafna xhur minn mard (mhux il-ġdiem) li mlietu kollu ġrieħi. Nafu mill-vanġelu, li Ġesù ħallieh ibati u ma fejqhux. Ħallieh saħansitra jmut u jgħaddi xi erbat ijiem qabel ma rxuxtah. Dan kien miraklu kbir li Ġesù għamel biex jikkonvinċi lill-Fariżej u lil sħabhom li Hu kellu kull setgħa fuq il-mewt anke meta l-ġisem ikun beda jitmermer fil-qabar. Min-naħa l-oħra is-sofferenzi kabbru l-qdusija ta' Lazzru u komplew ipattu għad-dnubiet ta' oħtu Marija ta' Magdala.

Għalhekk aħna qatt m'għandna nagħmlu kundizzjonijiet lil Alla meta nitolbuh xi grazzja. Nafdaw fih. Nimmeditaw il-"Missierna" u ngħidu bil-qalb:"Ikun li trid int kif fis-sema hekdan fl-art". Hekk ikollna moħħna mistrieħ naqilgħu jew ma naqilgħux dak li nkunu tlabna.

# Siltiet mid-Diskors ta' Ġuża Mifsud fil-Laqgħat ta' Talb.

**MEJJU 1996**

Matul din il-laqgħa intqalet din il-viżita lill-Madonna: "Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, Spirtu s-Santu Alla, insellmulkom, nadurawkom u nħobbukom. Madonna aħna nsellmulek. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Ommna Marija Santissima bil-għajnuna li inti tagħtina aħna spiss niġu f'dawn l-inħawi tal-Girgenti biex quddiemek u quddiem il-Majesta tal-kbir Alla, miegħek nitolbu u nagħmlu l-penitenzi. Pater, Ave u Glorja.

Madonna, aħna nħobbuk. Inti tajtna ħafna direzzjonijiet, għajnuna u kuraġġ biex f'dan il-post aħna nqaxna ħafna ġrajjiet sbieħ, ħafna atti ta' mħabba u

penitanza lejn il-kbir Alla, lejn il-Mulej Ġesù u biex inkabbru l-fidi li jagħtina l-Ispirtu s-Santu. Pater, Ave u Glorja.

Mid-dija xemxija li minna ġejjin ismagħha Madonna din it-tislima tagħna l-Maltin u l-Għawdxin u tad-dinja kollha magħquda fl-imħabba u t-tama li inti tagħtina mis-smewwiet. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Madonna meqjuma f'dan il-mafkar tal-Girgenti, agħtina l-għajnuna tiegħek biex aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar inkunu kuntenti u agħmel li Malta u d-dinja jimtlew b'imħabba kbira lejn is-sema biex il-Missier tagħna ċelesti jkompli jgħinna, jaħfrilna u jippreparana għall-mewta tajba. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Madonna tal-Konsagrazzjoni, kompli ifhimna u itlob għalina quddiem il-kbir Alla u quddiem ibnek Ġesù kemm fis-sema u kemm fl-art biex tressaqna għal dak il-post imħejji għalina fil-Ġenna. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Madonna aħna tant inħobbuk li niġu minn darna biex hawn nagħtu qima kemm lilek, lil kbir Alla u lil Ġesù. Għinna fil-bżonnijiet tagħna kemm materjali u spiritwali u biex nagħarfu u naċċettaw li dejjem nagħmlu r-rieda t'Alla l-Missier. Pater, Ave u Glorja.

## ĠUNJU 1996

F'Ġunju fost affarijiet oħra saret il-viżta lill-Qalb ta' Ġesù: "Twajba Madonna, aħna hawn fuq niġu għax inħobbuk, hawn fuq niġu għax nirrispettawk. Hawn fuq aħna niġu għażiża Madonna għax irridu nagħtu ġieħ lil kbir Alla, nagħtu ġieħ lill-Mulej Ġesù nagħtu ġieħ lill-Ispirtu s-Santu għal dak kollu li qiegħed jagħmel magħna. Glorja...

Inħobbuk Mulej għax bħalek ma hawnx . Inti qiegħed tgħinna f'ħajjitna biex meta nmutu u nispiċċaw minn dan il-wied tad-dmugħ niġu nagħtu glorja lilek. Nagħtuk glorja, nagħtuk l-imħabba għaliex Inti l-imħabba tagħna, għaliex Inti it-tama tagħna, it-tarka ta' ħajjitna. Glorja...

Maħbub Ġesù inti tinsab f'din l-Ewkaristija, f'dik l-Ostja bajda, imbierka, immakolata sabiex taħsbilna għall-għejxien ta' ruħna. Dik veru il-ħobż tas-sema, il-ħobż ta' dejjem, li ma jispiċċa qatt. Bħalma l-ġisem ikun irid jitrejjaq bil-ħobż li jkun ġej mill-qamħ, hekk ir-ruħ għandha bżonn dan l-ikel li ġej mill-frott ta' Bin il-bniedem, din l-ostja divina, l-ostja mqaddsa, l-ostja mmakolata, ħobż tas-sema, ħobż ta' l-anġli li ma jispiċċa qatt. Glorja...

Spirtu s-Santu, Spirtu tal-kbir Alla l-ħaj, kattar f'qalbna, f'ruħna, fil-kuxjenza tagħna il-fidi, t-tama u l-imħabba. Tabbanduna qatt O Spirtu s-Santu Alla, tħallina qatt, għax Inti trid twassalna sal-bieb tas-sema, sal-bieb ta' l-eternità. Glorja...



Alla Missier, Alla glorjuż, Alla kbir, Alla qawwi, Alla mmortali, Ġesù li għalina ħadt il-passjoni, Ġesù li għalina ħadt mewta l-aktar kiefra fuq dik l-injama tas-salib, ikollok ħniena minna, ikollok ħniena mill-Maltin u l-Għawdxin kollha, ikollok ħniena minn fejn hemm il-gwerer u l-ġlied u l-intoppi u ħafna żerriegħa ta' mibegħda lejn xulxin. Nitolbu għar-rappreżentanti tal-ġnus illi wħud minnhom m'humiex jużawh lil kbir Alla l-Missier, flimkien ma Ibnu Ġesù, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, flimkien mar-Reġina tas-sema u l-art. J'Alla l-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Madonna tal-Girgenti tagħtina l-grazzja li kemm f'Malta u fid-dinja ikollna l-paċi. Glorja...

Għażiża Madonna tal-Konsagrazzjoni, għażiża Madonna li inti meqjuma fl-inħawi tal-Girgenti, għinna biex inkabbru l-fidi tagħna lejn il-Missier, lejn l-Iben, lejn l-Ispirtu s-Santu, lejn is-sema kollha, li nkunu kuntenti. Glorja...

Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, Inti qiegħed tagħmel magħna ħafna affarijiet sbieħ. Ta' dan nirringrazzjawk ħafna, nagħtuk qima u nagħtuk glorja. Ġesù qaddis, Ġesù ħanin, Inti wrejt magħna ħniena l-aktar kbira meta ħadt passjoni hekk kiefra fuqek: sawtuk, inkurunawk bix-xewk, lestewlek l-imsiemer u lestwlek salib biex tiġi mneħħija ħajtek. Iżda Inti tlabt lil kbir Alla l-Missier biex ikollu ħniena minn dawk li qegħdin jagħmlulek dawna l-inġustizzji f'ġismek. Saħansitra wasalt biex anke neħħewlek ħwejġek u dan Inti għamiltu biex aħna qatt ma naqgħu fid-dnub ta' l-impurità, fid-dnub li bih noffendu lill-kbir Alla u Lilek. Għinna biex nieħdu b'eżempju tagħna lill-Madonna li dejjem kienet mara modesta, mara ta' eżempju l-aktar kbir fi ħwejjiġha u f'dak kollu illi ried il-kbir Alla li jgħaddi minnha. Glorja...

Mulej, nitolbuk għall-qdusija fis-saċerdoti għax hawn xi saċerdoti illi huma ta' rieda ħażina. Malli jinżlu minn fuq l-artal imorru jiġru wara l-kurrent tad-dinja u ma joqogħdux jirriflettu u jagħmlu meditazzjoni fuq kemm iħobbhom il-Mulej Alla u kemm iħobbhom Il-Mulej Ġesù. Glorja...

Alla l-Missier, inti jisogħbik li tant trabi li jitnisslu kaġun tad-dnubiet kontra l-imqaddsa purità qegħdin jitneħħew bl-abort. Nitolbuk għall-ġenituri tagħhom biex jagħrfu li Ġesù ġie fid-dinja biex isalva r-ruħ ta' kull maħluq, filwaqt li huma qegħdin ineħħu dawn it-trabi innoċenti bl-abort. Glorja...

## LULJU 1996

Wara li faħħret lil Alla Ġuża qalet li l-Ġimgħa 5 ta' Lulju 1996 waqt li kienet qegħda tgħid ir-rużarju bdiet tisma' l-kliem minkejja li kellha l-bieb magħluq bl-istanga. "Jiena bqajt ngħid ir-rużarju u fil-bieb ta' fejn hemm il-friġġ poġġew xi saqajn. Twerwirt. M'iniex ħa niddejjaq ngħid li xi ħadd qalli

li ilu midfun ħafna… Jiena naf kemm twerwirt meta rajt dan il-povru bniedem… U fejn il-friġġ kelli lil xi ħadd ieħor u qalli, "Għidtilhom lit-tfal li mhux ħadu kollox u lanqas jagħmluli quddiesa." Għidtlu, "Għażiż hija fil-Mulej fejn inti ħalli nitlob għalik u nġiegħel lil min jitlob." Kompliet tgħid li propju dakinhar kien mar għandha benefattur li ta somma ta' flus u minnhom ried li jsiru Lm100 quddies fil-missjoni.

"U il-bieraħ kelli nota kbira ħafna biex inqajjem ħafna devozzjoni lejn l-erwieħ tal-purgatorju. ma għandniex niċċajtaw b'dawn l-affarijiet. Mhux sew li kulma jkollna tal-familja noħduh u mbagħad lanqas quddiesa ma nagħmlu għar-ruħhom… Jiena rrid inqajmilkom ħafna devozzjoni lejn l-erwieħ kif irid il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija…"

## 13 TA' LULJU 1996

Din il-laqgħa ta' tpattija bdiet bir-reċita tar-rużarju, imbagħad saret viżita lil Ġesù msallab u ntqalet il-Via Sagra. Meta ndirizzat il-laqgħa Ġuża qalet, "Veru għaddej kalvarju kbir mid-dinja… Din il-ġimgħa kellu jsir xi ħaġa kerha ħafna… kien hawn xi rappreżentant minn tal-ġnus, kien qed jirranġa biex jagħmel ħafna nies immassakrati u ma jirnexxilux għaliex l-Id tal-Mulej qaltlu sa hemm għandek tasal. Warrab ħafna nies fir-raba' biex jixkubbettawhom, ineħħuhom mid-dinja…" Il-laqgħa spiċċat bil-Litanija t-Twila u l-barka saċerdotali.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

• Mr u Mrs Zammit minn tas-Sliema bagħtu donazzjoni ta' flus għall-grazzja li qalgħu. Ma tawx dettalji tal-grazzja.

• Carmen Sultana minn Ħaż-Żebbuġ bagħtet xi flus b'ringrazzjament lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet u tgħid li għandha bżonn ta' grazzja oħra u trid li jsir talb għal dan il-għan.

•Inez Lanzon, mill-Ħamrun, bagħtet donazzjoni b'ringrazzjament lill-Madonna "għall-grazzji li qed ittiha".

**• Mrs. Catherine Camilleri minn Birkirkara, għamlet dan ir-rapport li kien iffirmat minn Mr. Joseph Camilleri ukoll.**



**"Nixtieq nikkonferma grazzja li qlajt permezz tal-labtu tal-Madonna tl-Konsagrazzjoni. It-tifla tiegħi, Odelsie, li għandha sena u erba' xhur, tgerbet ħames tarġiet u ġiet għar-rasha. Għall-grazzja t'Alla ma ġralha xejn. Dan kien konfermat mill-ispeċjalista Dr. Mifsud.**

**It-tifla kellha fuqha il-Labtu; jien ċerta li kienet il-Madonna li salvatha. Nixtieq li din il-grazzja tiġi pubblikata fil-Fuljett 'Leħen il-Girgenti'. Qed nibgħat kontribuzzjoni b'ringrazzjament."**

**Minn telefonata li għamilt lil Catherine, wara li rċevejt l-ittra mingħandha, sirt naf li t-tabib, Dr. Anton Mifsud minn Ħal Balzan, eżamina t-tifla darbtejn f'distanza ta' aktar minn 8 sigħat biex ikun żgur li ma kienx hemm konsegwenzi tal-waqgħa u ħarġilha ċ-ċertifikat li kopja tiegħu tidher hawn taħt.**

L-Editur


Dr. A. MIFSUD
M.D., Ph.D., D.C.H. (Lond)
CONS. PAEDIATRICIAN
31/5/96
Odelsie Camilleri of B'kara
To confirm that I have examined this child and found her to be free from traumatic sequelae